# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 576

Il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-11.00am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier (daħal fil-11.20am)
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Paul Mizzi- Viċi Sindku
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

PREŻENZA TAL-PUBBLIKU:

Is-Sur Joe Borg

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 576.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Viċi Sindku u L-Ambaxxatur Lokali għaż-żgħażagħ talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 576.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħat preċedenti, jiġifieri l-minuti bin-numri 573, 574, u 575. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 576.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

576.3.1 Is-Sindku semma illi l-preparamenti tal-applikazzjoni għar-restawr tas-Sqaqien għall-iskema ta' Eko Għawdex huma kważi lesti u ser napplikaw fil-jiem li ġejjin.

576.3.2 Saret talba sabiex jinżabru s-siġar ta' quddiem l-iskola u suppost ix-xogħol ser isir nhar is-Sibt li ġej.

576.3.3 Il-Ministeru għal Għawdex talab *no objection* sabiex isiru l-Gozo Sports Awards nhar il-21 ta' Awwissu fi Pjazza Santa Luċija. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

576.3.4 Il-Kunsill Lokali rċieva l-kwotazzjoni għax-xogħolijiet li jridu jsiru sabiex isir rock stabilisation fi Triq Għajn Tuta fejn waqgħet it-triq. Din il-kwotazzjoni telgħet għal Eur84,694.50. Għalhekk, peress li l-Kunsill la għandu dawn il-fondi u lanqas jista' jagħti direct order ta' dan l-ammont, tlabna lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jidħol għax-xogħolijiet minn naħa tiegħu.

576.3.5 Dwar l-offerta tal-Automated Public Convenience, il-Kunsill ġie approvat l-ammont ġdid ta' Eur9,655 u għalhekk ser nerġgħu noħorġu l-offerta.
Il-LESA approvawlna Eur80,000 għall-proġett ta' tisbiħ fejn l-Għadira ta' Sarraflu. Sar qbil li naraw x'hemm bżonn isir u nibdew il-preparamenti biex joħorġu l-offerti.

## 576.4 Approvazzjoni tar-risposta tal-Management Letter għas-sena 2023

Is-SE ppreżentat ir-risposta tal-Management Letter għas-sena 2023. Il-Kunsill Lokali approvaha.

## 576.5 Ilmenti u Suġġerimenti

576.5.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sur Joe Borg li għandu propjeta’ fi Sqaq ta’ fejn il-Knisja fi Triq San Girgor. Huwa qed joġġezjona għall-applikazzjoni mal-PA bin-numru PA/04941/20 u qed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex joġġezzjona. Il-Kunsill, wara li ħa l-parir mingħand l-Avukat, l-Avukat infurmana illi ma nistgħux indaħħlu oġġezzjoni iżda l-Kunsill jista’ jikteb ittra illi fir-rigward tal-proġett il-ġdid ta’ Triq San Girgor, dan il-bini l-ġdid ser joħloq influss ikbar ta’ traffiku u ser iġib miegħu ħafna aktar problemi ta’ parkeġġ. Għalhekk, il-Kunsill qabel illi jikteb din l-ittra permezz tal-Avukat tiegħu fil-jiem li ġejjin.

576.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill illi dwar il-permess tal-kamra tan-nar, l-aħħar appell li sar mal-EPRT minn naħa tal-applikant, ġie rifjutat ukoll. Issa baqa’ lok għall-aħħar appell li jista’ jsir mal-Qorti.

576.5.3 Resident fi Triq Pejpu lmenta illi saru double yellow lines mal-kantuiera ta’ garaxx li jibqgħu ġejjun quddiem parti minn rampa ta’ garaxx. Il-Kunsill Lokali qatt ma ressaq dawn is-sinjali għall-approvazzjoni u aktar u aktar m’approvahomx. Is-Sindku qal li b’dispjaċir ikollu jgħid illi ma jippretendix li jsiru dawn it-tip ta’ affarijiet. Hu żied jgħid li apparti hu personalment ma jarax il-bżonn għalfejn kellu jsir double yellow line f’dan il-post u aktar u aktar biex jinqeda bniedem wieħed. Staqsejna ukoll lil TM dwar dawn is-sinjali u nfurmawna illi huma ma ħarġux permessi għalihom.

## 576.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 576.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fil-11.30am u ġiet aġġornata għat-30 ta’ Mejju, 2024 fil-11.30am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |